SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 44**

**IT-TNEJN 20 ta' DIĊEMBRU 2010 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER (wasal għall-laqgħa fis-6.15p.m.) |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU (minħabba raġunijiet ta' mard) |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER (minħabba raġunijiet ta' mard) |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 43 ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Curmi ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Trasport Malta dwar talba li kien saret biex tiġi nstallata barrier fil-kantuniera ta' Triq is-Sidra ma Triq is-Swieqi. Il-Kunsillier ġie nfurmat li għad ma waslitx risposta. Hu talab biex tintbagħat reminder

2. Il-Kunsillier staqsa meta ser isiru l-kurduni nieqsa fi Triq il-Marbat man-naħa ta' l-open plot. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn ix-xogħlijiet ser jitlesta fil-bidu tas-Sena d-dieħla max- xogħlijiet oħra.

3. Il-Kunsillier fakkar dwar ir-rifreskar ta' marki taż-Żebgħa tat-traffiku fi Triq l-Ispiera. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dawn għad ma sarux minħabba l-maltemp.

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslix xi risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-għajnuna li dan il-Kunsill kien irrikomanda li tingħata lit-Team tal-futbol tas-Swieqi United. Is-Sindku wieġbed li r-risposta kienet ġiet u din keinet fin-negattiv. Is-Sindku nfurmat ukoll li t-team kien ġie nfurmat verbalment. Il-Kunsillier issuġġerixxa li jkun aħjar lir-risposta lit-Team tingħata bil-miktub. Il-Kunsill qabel.

2. Il-Kunsillier talab li ssir laqgħa mall-Ministru Pulliċino. F'din il-Laqgħa jiġu diskussi xi xogħlijiet fil-lokalita' kif ukoll il-proġett ta' Triq il-Keffa. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa issir mill-aktar fis.

3. Il-Kunsillier staqsa biex isir kuntatt mall-kuntrattur li qed jibni fi Triq is-Sidra kantuniera ma Triq is-Sirk sabiex dan jirranġa l-bankina minħabba li din tinsab fi stat ta' periklu.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li kellha kuntatti ma Dr. Chris Said dwar ix-xogħlijet ta' tarmak fil-Madliena. Hu ġie nfurmat li x-xogħlijiet mixjin b' ritmu mgħaġġel kif ukoll ix-xogħol li x-xogħol huwa sodisfaċenti. Is-Sindku nfurmat ukoll li talbet lil Dr. Said jintervjeni dwar il-possibilta' li l-fondi mill-UIF jintużaw kollha għall-proġett tat-Tennis Court.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa mas-Supretendent u l-Ispettur tad-distrett dwar l-egħluq ta' toroq (entratura) għal ġo Swieqi lejliet il-Milied u l-ewwel tas-Sena. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser isiru l-istess arranġamenti kif saru fis-snin ta' qabel.

3. Is-Sindku nfurmat li qed jitħejja programm ta' ħarġiet kulturali għall-anzjani. Il-Kunsillier Cumi issuġġerixxa illi meta dan jitlesta għandu jiġi esepit fin-notice board ta' Villa Rosa.

4. Is-Sindku nfurmat li fit-Triq il-kwartin hemm blokki ta' konkos li kienu tpoġġew fit-Triq meta sar it-tarmak. Ir-residenti qed jitolbu biex dawn jitneħħew. L-istima ta' crane, żewġ trukkijiet u jumejn xogħol hija ta' €450. + Vat. Il-Kunsill approva l-kwotazzjonijiet u talab biex dawn jibdew mill-aktar fis.

5. Is-Sindku nfurmat li fil-bidu tas-Sena d-dieħla ser jiġu ppublikati l-offerti għall-proġetti tat-Tennis Court u tarmak fi Triq il-Qasam. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li l-kwotazzjonijiet għal dawl dekorattiv tal-Milied ġiet sottomessa waħda biss dik ta' Noel Borg €1850. Il-Kunsill iddeċieda li din is-Sena wkoll għandu jintagħażel l-istess kuntrattur. (Noel Borg).

6. Is-Sindku nfurmat li s-somma li nġabret min dan il-Kunsill għal Community Chest Fund kienet ta' €560. Is-Sindku irringrazzjat il-ħwienet kollha tal-lokalita' kif ukoll il-girl giudes għal għajnuna tagħhom.

7. Is-Sindku ppreżentat il-kwotazzjoni ta' l-ikla tal-Milied għall-kunsillieri u għal Kumitat Amminstrattiv tal-Madliena. Wara diskussjoni il-Kunsill iddeċieda li tintagħżel il-kwotazzjoni ta' Madliena Cottage. Dan ir-restaurant qiegħed fil-lokalita' kif ukoll li fil-passat dan qegħda lill-Kunsill ferm tajjeb.

8. **Performance Bonus**
   Is-Sindku rrapurtat dwar il-performace appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv. Hi rrakomandat li dan għandu jingħata l-full performace bonus 10%. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsillieri irringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv għax-xogħol kollu siewi li jagħmel fil-Kunsill.

9. Is-Segretarju Eżekuttiv irrikomanda full performance bonus 6% lill-impjegati tal-Kunsill Tania Randisi u Charmaine Dowling. Hu irringrazzja lil dawn iż-żewġ ħaddiema għax-xogħol siewi li jagħmlu matul is-Sena.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa l-possibilta' li jinbidel id-dawl (jiġi installat aktar qawwi) fin-naħa ta' isfel tas-Swieqi fil-viċinanza tal-mini fl-entratura. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika mall-kuntrattur.

2. Il-kunsillier talab biex jitnaqqas metru mit-traffic island metru mit-traffic island fil-bidu ta' Triq il-Wiżna kantuniera ma Triq il-Qasam. Il-Kunsill qabel.

3. Il-Kunsillier talab biex jinbidlu l-avviz fin-notice board ta' Triq Villa Rosa.

4. Il-Kunsillier nforma li kellu kuntatti mall-Kuntrattur 3D inkarigati mit-tqassim tal-magazin tal-Kunsill. Dawn ġew informati li Triq Villa Rosa tifforma parti mill-konfini tas-Swieqi.

5. Il-Kunsillier talab il-possibilta' li jsiru xi forma ta' reflectors mall-kolonni ta' Triq il-Marbat minħabba li dawn jistgħu ikunu ta' periklu għas-sewwieqa li jużgħu Triq Mikiel Anton Vassalli.

6. Il-Kunsillier irraporta wkoll manhole cover diffettuża fi Triq ix-Xiber.

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier irraporta li hu attenda laqgħa mill-Malta Cultural Centre. Din il-laqgħa kienet ta' importanza u nteressat. Il-Kunsillier informa li l-Kunsilli kollha ser jiġu avviċinati biex jipparteċipaw.

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETAJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li l-fond mill-UIF jammonta għal €214,150.83. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li x-xogħlijiet tal-Panelli Solari li ġew installati fuq il-bejt tal-Kunsill ġew iċċertifiċati mill-Inġinier li saru skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv irrikomanda li l-kuntrattur għandu jingħata pagament ta' €5000.00 li huma parti mill-ammont li kien għaddha l-Gvern Ċentrali għal din l-iskema. Il-bilanċ ta' madwar €3500 jitħallas meta jiġi allokat lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jsir dan il-pagament.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETAJU EŻEKUTTIV( jkompli.................)

2. Il-Segretarju Eżekuttiv informa dwar korrispondenza mill-Mepa. Dawn qed jitolbu lill-Kunsill jalloka post addattat biex tiġi installata notice board bl-avvii kollha mill-Mepa. Il-Kunsill qabel li l-aħjar post ikun fil-viċinanza tal-Parocca fi Triq tal-Ibrag.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-EneMalta qed tinsisti li biex jiġi installat id-dawl fit-Triq il-Wied fin-naħa ta' isfel ta' Triq il-Qasam trid issir trinka (underground cable). Is-Segretarju Eżekuttiv informa li diġa talab stima lill-kuntrattur Alfred Schembri & Sons . Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li malli tasal l-istima għandha tiġi fowerd lill-Kunsillieri kollha għall-approvazzjoni. Jekk din tiġi approvata x-xogħljiiet jkunu jistgħu jibdew mill-aktar fis.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li l-kuntratt ta' l-accountant tal-Kunsill dalwaqt jittermina.. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li l-offerti għandhom jiġi ppublikati meta jitlestew il-management accounts.

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI

1. Gew approvati il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Curmi ssekonda.

**Il-laqgħa spiċċat fit-9.15p.m. u ġie deċiż li l-aġġornament issir wara l-festi. Gie deċż li l-laqgħa li jmiss isir fil-bidu ta' Jannar 2011 wara li ssir konsultazzjoni dwar data mall-Kunsillieri kollha.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**